**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT Dr IAN FARRUGIA LL.D**

**Illum 14 ta' Mejju 2021**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Audrey Micallef)**

**Vs**

**Adrian Bonnici**

Kump Nru 711/2020

**Il-Qorti**;

Rat li l-imputat Adrian Bonnici detentur ta' karta ta' l-identita' bin-numru: 0462678M gie akkuzat talli nhar is- 16 ta' Novembru 2020 gewwa n-Naxxar u fil-granet, fil-gimghat u fix-xhur ta' qabel, f'diversi hinijiet ġewwa n-Naxxar u f'diversi postijiet gewwa dawn il-Gzejjer, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-liġi u li kienu maghmula b'rizoluzzjoni wahda;

1. Ikkaġunajt lill- eks siehba tieghek u ċioe' Stephanie Bugeja, fastidju ghal iktar minn darba u ġibt ruhek b'mod li kont taf jew li messek kont taf li kont qed tkun ta' fastidju ghall-eks siehba tieghek Stephanie Bugeja, u liema reat twettaq repetutament.

Il-Qorti hija gentilment mitluba li tohrog ordni ta'protezzjoni, inkluza fil-mori tal-kawza kontra Adrian Bonnici a beneficju ta' Stephanie Bugeja u l-familjari taghha u dan fit-termini tal-Artikolu 412C tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta,

Il-Qorti hija mitluba f'kaz ta' htija, biex tipprovdi ghall-persuni ta' Stephanie Bugeja u l-familjari taghha jew sabiex jinzamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena applikabbli ghar-reat, torbot lil Adrian Bonnici b'obbligazzjoni tieghu nnifsu that penali ta' somma ta' flus li tigi iffissata mill- Qorti billi tapplika l-Artikoli 383 et seq tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta, ghal zmien li thoss xieraq.

Il-Qorti hija gentilment mitluba li f'kaz ta' htija, minbarra li tinflingi l-piena stabbiliti mill-ligi, tordna lill-imsemmi Adrian Bonnici sabiex ihallass l-spejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, jekk ikun il-kaz, kif provdut fil-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti u id-dokumenti;

Rat il-verbal tal-udjenza ta` llum stess fejn Stephanie Bugeja, debitament assistita, iddikjarat irrevokabbilment li hija trid li l-proceduri jieqfu minnufieh. U konsegwentament, bis-sahha ta' l-Artikolu 543(e) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u bhala l-allegata vittma, talbet lil din il-Qorti twaqqaf dawn il-proceduri.

Semget lill-Ufficjal Prosekutur tirrimetti ruhha ghall-Ligi.

**Konkluzjoni.**

**Il-Qorti;**

**Tilqa t-talba tal-parte civile Stephanie Bugeja u bis-sahha tal-Artikolu 543(e) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed twaqqaf minnufih dawn il-proceduri, u konsegwentement tiddikjara l-procediment bhala wiehed ezawrit.**

Dr Ian Farrugia LLD

Magistrat

Marica Mifsud

Deputat Registratur